# Christingle

Din hija tradizzjoni, li forsi ma tantx hija popolari. Il-kelma ġejja mill-Ġermaniż u tfisser 'Ċkejken Ġesù Bambin'.
Din il-Christingle issir fil-Milied, biex turi li Ġesù huwa d-dawl tad-dinja.
L-oġġetti li jintużaw, kollha fihom sinifikat.



- Il-larinġa, hija tonda – tirrappreżenta lid-dinja
- Ix-xemgħa, tirrappreżenta lil Kristu li hu d-dawl tad-dinja, id-dawl fid-dlamijiet (tajjeb li taħt ix-xemgħa titpoġġa biċċa foil, biex tilqa' x-xemgħa mdewba)
- Iż-żigarella l-ħamra, hija simbolu tad-demm li Ġesù xerred fuq is-salib, biex isalvana. Turi l-imħabba li Ġesù għandu għalina.
- L-erba' toothpicks, jistgħu jirrapreżentaw l-erba' staġuni, inkella t-tramuntana, in-nofsinhar, il-lvant u l-punent.
- Il-frott (ħelu), jirrappreżentaw il-frott tal-art, li Alla jipprovdilna. Jirrappreżentaw fuq kollox il-ħafna rigali li jiġu mingħand Alla.



X’għandna bżonn?

- Larinġa
- Xemgħa
- Biċċa foil
- Żigarella ħamra
- 4 toothpicks twal jew 4 kebab sticks
- Frott imqatta’ biċċiet żgħar u/jew ħelu